MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 103/2004

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Tghid ghaliex intom konvenuti jew min minnkom m’ghandkomx tkunu kkundannati thallsu s-somma ta’ elf u erba’ mija u erbgha u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm1494.60) liema danni gew sofferti f’incident awtomobilistiku nhar l-14 t’Awwissu, 2004 bejn il-vettura misjuqa minn Neil West bin-numru tar-registrazzjoni CAG 103 u l-vettura misjuqa mill-attur Frank Xuereb numru FBM 694 liema incident sehh totalment tort ta’ imprudenza u sewqan traskurat kif ukoll nuqqas ta’ osservanza tar-regolamneti tat-traffiku minn naha ta’ Neil West bl-imghax legali mid-data tal-prezenti sad-data ta’ l-effettiv pagament liema ammont.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji tal-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Awwissu, elfejn u erbgha (2004) u tal-hamsa (5) ta’ Novembru , elfejn u erbgha (2004).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti konvenut diga’ intom ingunti.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“ Illi ghall-incident mertu ta’ din il-kawza kien jati unikamnet l-attur Frank Xuereb.

Kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes”

Sema’ l-provi

Ra li l-quantum tad-danni gie sodisfacentement ippruvat.

Ghar-ragunijiet imsemmija fil-kawza fl-ismijiet *Dr Stephen West vs Frank Xuereb (Avviz Numru 101/2004)* deciza llum stess minn dan it-Tribunal, huwa jsib lill-konvenut Neil West unikament responsabbli ghall-incident u konsegwentement jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta’ LM1494.60c ammont ta’ hsarat sofferti mill-atturi kif indikat fl-avviz tat-talba tieghu, filwaqt li jichad it-talba in kwantu diretta kontra l-konvenut l-iehor Dr Stephen West. Spejjez inkluzi tal-ittri interpellatorji tas-27.08.2004 u 05.11.2004 a kariku tal-konvenut Neil West filwaqt li spejjez tal-konvenut l-iehor Dr Stephen West huma a kariku tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------